**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Dicembru, 2015

Rikors Guramentat numru : 191/11 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi ir-rikorrenti u l-intimat izzewgu fit-8 ta' Dicembru 1989;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom tlett ulied, tnejn minnhom minuri K ta' 15 il-sena u N ta' 8 snin;
3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli u iz-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba f'sevizzi, theddid u ingurji gravi da parti tal-intimat, kif ukoll minhabba f'adulterju u inkompatibilita ta' karattru;

4. Illi l-attegjament tal-intimat versu r-rikorrenti, ikkostringiha tallotana ruhha flimkien mal-ulied minuri mid-dar matrimonjali;
5. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li jgib in-numru 639/11 datat 12 ta' April 2011 biex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-intimat (Dok A);
6. Illi l-fatti hawn fuq dikjarati tafhom hi personalment;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-intimat, billi huwa rrenda ruhu hati fil-konfront taghha ta' sevizzi, theddid u ingurji gravi, kif ukoll minhabba f'adulterju u inkompatibilita ta' karattru u tawtorizza lill-esponenti tghix separata minn ma zewgha;
2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri imsemmija tigi fdata f'idejn l-esponenti;
3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici ghaliha u ghall-ulied minuri imsemmija retta alimentarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li jidrilha xierqa;
4. Tiddikjara xolta u terminata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-oggetti formanti l-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi stabilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat u dan okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba bl-opera ta' periti nominandi;
5. Tordna li l-beni dotali u parafernali tal-esponenti jigu assenjati lilha;
6. Tordna id-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez tal-presenti, kontra l-intimat ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat, ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f'din il-kawza ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu, rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 48 et seq, ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, talba specifika ghall-kura u kustodja tal-minuri, talba specifika ghall-manteniment kemm ghall-istess attrici kif ukoll ghall-minuri u talba specifika biex il-konvenut jirritorna lura l-beni kollha parafernali taghha.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat gie debitament notifikat, baqa' ma ntavolax ir-risposta guramentata tieghu u konsegwentement huwa meqjuz bhala kontumaci f'dawn il-proceduri.

**<u>Verzjoni Attrici</u>**

L-attrici tghid[1] li hija zzewget lill-intimat nhar it-8 ta' Dicembru 1989 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied, tnejn minnhom illum maggorenni, Wayne u K, u wiehed li ghadu minorenni, N. Hi tghid li ma kellhiex xi tgerger mir-ragel taghha izda l-affarijiet bdew imorru ghall-aghar meta zewgha beda johrog ma' shabu. L-affarijiet iggravaw meta huwa ma bediex ihallas il-kontijiet, tant li darba gew tad-dawl biex jaqtghu is-servizz tad-dawl. Ghalhekk bdiet thallas hi mill-flus li kien jaghtiha li kienu tlett mitt Lira (Lm300) fix-xahar. Hi kienet titlob l-ghajnuna lil ommha

---

[1] Ai termini ta' affidavit ezebit a fol 410 tal-process

li kienet tghin billi taghtiha xi haga tal-flus. Huwa qal lil ommha biex ma tersaqx iktar lejn id-dar matrimonjali u zzid tghid li fil-villegjatura fejn kienu jmorru, kien hemm xi nisa' Russi joqghodu fil-vicin u l-konvenut mar ifittxhom. L-affarijiet iktar komplew jaggravaw meta l-konvenut iddecieda li jitlaq mill-Korp tal-Pulizija, fir-realta' gie mgieghel jirrezenja, kif saret taf l-istess attrici. Huwa iddecieda li jiehu mini-market u dan dam joperah ghal ghaxar (10) snin. Biex jopera dan il-mini-market, il-konvenut ifforma kumpanija flimkien ma' l-attrici li jishimha Alfmar Company Limited, pero' kien jiehu hsieb kollox hu u jghidilha li sejrin tajjeb kull meta kienet tistaqsih. L-attrici tghid li kien fil-mori ta' din il-kawza li saret taf dwar il-multi u d-dejn li l-kumpanija Alfmar Company Limited ghandha mad-Direttur tat-Taxxi Interni. L-unika hlasijiet li kienet tiehu hsieb hi, kienu d-dawl u l-ilma tal-hanut. Fl-ahhar il-konvenut wella l-hanut lil terzi u dahlu s-somma ta' sebat elef Lira Maltin (Lm7000) u minn dawn il-flus huma damu jghixu sentejn. L-attrici tkompli billi tghid li mat-tfal dejjem bil-problemi u kien evidenti li l-konvenut kien jippreferi lil ibnu z-zghir N. Ghalhekk hassitha kostretta ghal dawn ir-ragunijiet li titlaq mid-dar flimkien ma' uliedha f'appartament mikri f'Gunju 2010 u zewgha m'ghamel l-ebda tentattiv biex hi tmur lura. Hi tghid li ftit li xejn kienu l-okkazjonijiet fejn il-konvenut iltaqa' mat-tfal taghhom. L-attrici tkompli tispjega x'tixtieq mill-komunjoni ta' l-akkwisti u zzid tghid li d-djun kollha akkumulati relatati mal-kumpanija Alfmar Company Limitied kienu tort tal-konvenut ghaliex ma kienx jinfurmaha dwar xejn u zzid tghid li ghandha kreditu parafernali fl-ammont ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000/€46,587.46) li huma flus li nghataw lilha bhala donazzjoni minn ommha meta ommha qasmet il-flus gejjin mill-wirt ta' missierha. Hi tghid li bejn is-snin 2005 u 2008 b'dawn il-flus huma kienu rrangaw id-dar, u fil-fatt anness ma' l-istess affidavit taghha hemm diversi ricevuti[2] ta' xogholijiet li huma f'isem xi wahda jew l-ohra mill-

[2] Ara fol 419 et seq

partijiet. Oltre dan, hi tghid li d-dar matrimonjali nbieghet izda n-Nutar Tony Abela zamm is-somma ta' €3900 li, wara d-dizgwid fuq dejn li kien ghamel il-konvenut, zammha l-istess Nutar biex ma jisfratta l-ebda bejgh. Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid kemm ghandha qliegh hi, liema dikjarazzjonijiet huma kollha sopportati b'dokumenti prezentati matul il-kawza.

**<u>Verzjoni Konvenut</u>**

Illi kif il-Qorti diga' irrilevat, l-intimat huwa kontumaci f'dawn il-proceduri, izda permezz tax-xhieda tieghu, huwa jaghti ftit informazzjoni dwar il-kaz odjern. Fil-fatt hu jghid biss fix-xiehda tieghu datata 17 t'April 2013[3] li d-dejn li ghandha l-kumpanija li fiha qieghed involut l-konvenut bhala direttur Idea Events Company Limited, qieghed jithallas u li martu ma kellha l-ebda parti amministrattiva f'din il-kumpanija. Huwa jghid li l-kumpanija Alfmar ghandha dejn li jlahhaq ic-cifra ta' €180,000 mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u li qieghed jipprova jirranga maghhom, u li mhux tort tieghu li gara hekk ghaliex dan gara meta l-accountant ma baghatx ir-returns. Hu jghid qieghed li jircievi pensjoni ta' €318.80c mill-Korp tal-Pulizija u li dak iz-zmien kien jahdem il-casino. Huwa jghid li jaf li sar *refurbishment* tad-dar u li jaf li giet tiswa Lm20,000 imma ircevuti qatt ma nghata, u li jaf li kienet omm l-attrici li ghenithom jaghmlu r-*refurbishment*. Il-konvenut fix-xiehda tieghu datata 8 ta' Mejju 2014[4] kien intalab igib l-informazzjoni dwar xi djun ghandhom mad-Dipartiment tal-VAT is-socjeta' Alfmar u Idea Events, u huwa jghid li ilu tmien snin ma jkun direttur tas-socjeta Alfmar u dwar Idea Events ilu ma jkun direttur xi erba' snin. Rigward id-dejn li l-kumpaniji msemmija ghandhom mal-VAT, huwa jghid li tkellem ma' certu Scicluna imma ma jiftakarx ezatt meta kellem lill-ufficcjali tal-VAT.

---

[3] Ara fol 351 tal-process
[4] Ara fol 385 tal-process

Illi l-Qorti tirrileva li hija sprovvista mill-verzjoni ta' l-intimat ghal dak li jirrigwarda l-htija ghas-separazzjoni, l-motivazzjonijiet u x'wassal lill-partijiet sabiex jintavolaw il-proceduri odjerni. Lanqas ma ghandha xi informazzjoni dwar x'jixtieq l-istess intimat ghal dak li jikkoncerna it-tifel minuri N jew fuq il-propjeta' formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

**Il-Provi migbura quddiem din il-Qorti**

Il-Qorti hawnhekk qeghda taghmel referenza ghall-provi kollha migbura quddiemha. Jirrizulta li l-attrici kienet ghamlet polza ta' l-assigurazzjoni[5] waqt iz-zwieg fit-13 ta' Marzu 2001 li qeghda tithallas regolarment fl-ammont ta' €291.17 kull sitt xhur u jirrizulta li l-attrici baqghet thallas dawn il-pagamenti wahedha ta' din il-polza anke wara li ivvakat mid-dar matrimonjali[6] u llum is-surrender value huwa ta' €7,649.53[7]. Gew prezentati diversi dokumenti li juru l-kontijiet tal-bank tal-partijiet inkluz loan BOV 4001722252-7[8] li kien joint u li l-konvenut C B jiddikjara li dan il-loan qieghed jithallas minnu u li kien qieghed jiffinanzja l-kumpanija Lidea Events[9]. Il-konvenut fix-xiehda tieghu datata 4 t'Ottubru 2013[10] ipprezenta wkoll document ta' loan BOV 4001909400-9[11] li huwa kont li jsejjah lill-kumpanija Lidea Events Limited. Illi gew ezebiti numru ta' dokumenti tal-banek lokali, b'dan li prezentament qed issir referenza biss ghall-kontijiet li ghadhom attivi u cioe' ghall-kont BOV 40015588056[12] li huwa kont li ghadu attiv f'isem il-konvenut, kont BOV

---

5 Ara fol 35 tal-process

6 Ara l-affidavit ta' l-attrici ezebit a fol 410 tal-process

7 Ara fol 417 tal-process

8 Ara fol 130 sa 134 tal-process

9 Ara fol 351 tal-process

10 Ara fol 363 tal-process

11 Ara fol 362 tal-process

12 Ara fol 39 sa fol 77 tal-process

40011741172[13] li huwa kont li ghadu attiv f'isem l-attrici, kont BOV 40015751414[14] li huwa kont attiv f'isem l-attrici, kont HSBC 027060706001[15] li huwa kont attiv f'isem l-attrici, kont HSBC 027060706050[16] li huwa kont attivi f'isem l-attrici u kont joint li jidher li nghalaq kompletament, HSBC 32000503[17]. Jirrizulta wkoll skont ix-xiehda tar-rapprezentant tat-Transport Malta li l-mara ghandha vettura registrata fuqha li hija Toyota Vitz FBR 376 u r-ragel ghandu zewg vetturi registrati fuq ismu li huma Ford Fiesta CAI 851 u Bedford Asta FAA 246[18]. Rigward l-imsemmija vetturi, l-attrici fl-affidavit taghha tghid[19] li l-vettura Bedford Astra m'ghadhiex tezisti u ghalhekk il-vetturi l-ohra llum ghandhom valur ta' circa hamest elef Ewro (€5000) l-wahda. Jirrizulta wkoll[20] li l-partijiet huma azzjonisti u kienu diretturi ta' kumpanija li ggib l-isem ta' Alfmar Company Limited, liema kumpanija giet imwaqqfa fit-22 t'Ottubru 1996 u ghadha tezisti, filwaqt li l-partijiet irrizenjaw minn diretturi ta' l-istess kumpanija fid-19 ta' Gunju tas-sena 2006. Jirrizula wkoll li l-konvenut huwa azzjonist fil-kumpanija Lidea Events Limited liema kumpanija giet imwaqqfa fit-12 ta' Mejju 2008[21], u l-attrici m'ghandha l-ebda sehem minn din is-socjeta'.

Illi xehed ukoll John Micallef[22] rapprezentant ta' l-Inland Revenue Department li xehed illi skont id-dokumenti ezebiti minnu Dok CIR1, CIR2 sa CIR16, il-konvenut ghandu jhallas sal-gurnata[23] li fiha x-xhud ta x-xiehda tieghu s-somma ta

---

13 Ara fol 92 sa fol 101 tal-process

14 Ara fol 109 tal-process

15 Ara fol 140 sa fol 177 tal-process

16 Ara fol 178 sa fol 247 tal-process

17 Ara fol 248 sa fol 253 tal-process

18 Ara fol 254 sa 258 fil-process

19 Ara fol 412 tal-process

20 Ara fol 260 et seq tal-process

21 Ara fol 279 tal-process

22 Ara fol 327 tal-process

23 11 t'Ottubru 2012

€6255. L-istess xhud jerga' jixhed[24] u jikkonferma li s-socjeta' Alfmar Company Limited hija debitrici sal-gurnata ta' l-ghoti tax-xiehda tieghu, tad-Dipartiment tat-taxxi Interni fl-ammont ta' €187,846[25].

Jixhed ukoll Andrew Mizzi mil-Local Gaming Authority u jghid li l-konvenut qieghed jahdem *full-time* fuq kuntratt definittiv ta' sena mal-*Lotteries and Gaming Authority* u flimkien max-xiehda tieghu jipprezenta diversi *payslips* li juru l-qliegh *gross* u *net* tal-konvenut.

**<u>Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali</u>**

Dwar l-ewwel talba l-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghall-Artikolu 40 li jghid hekk,

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:*

*Iżda ma tistax tintalab firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment qabel ma jgħaddu erba' snin mid-data taż-żwieġ, u iżda wkoll, il-qorti tista' tiddikjara l-firda għal dik ir-raġuni minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu* ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni."*

Inoltre l-Qorti, dwar l-ewwel talba, qeghda wkoll taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet *Scicluna Maria Dolores sive*

---

24 Ara fol 333 tal-process

25 5 ta' Frar 2013

*Doris vs Scicluna Anthony (1715/2001)* meta l-Qorti qalet hekk, *"Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti"* u tkompli *"Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima"*.

Il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi, u in vista tax-xhieda kollha prodotti li l-konvenut irrenda ruhhu hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba ingurji u sevizzi komessi minnu.

Il-Qorti hija konvinta li l-konvenut kien qieghed jidhol fi problemi finanzjarji, tali li ma hallewx lill-attrici tghix il-hajja matrimonjali fil-paci. Primarjament jirrizulta b'mod ampju li d-dejn akkumulat tal-kumpanja Alfmar Company Limited li taghha l-partijiet kienu diretturi, gie ikkuntrattat ghad insaputa totali ta' l-attrici, u dan tenut kont anke tal-fatt li l-istess konvenut jixhed[26] li jaf bl-ammont tad-dejn ta' l-Alfmar Company Limited mal-Kummissarju tat-Taxxi interni, iktar u iktar meta hu stess jammetti li qed jipprova jirranga maghhom hu. Dan iwassal lill-Qorti biex  tkun moralment konvinta li l-attrici veru ma kenitx taf bl-andament tal-kumpanija Alfmar Company Limited. Il-konvenut kien fid-dover li jinforma lil martu b'kollox u bis-sitwazzjoni kif kienet u mhux ihalliha fl-ghama ghall-ahhar. Dan huwa korroborat mill-fatt u ghalhekk it-tezi tar-rikorrenti issa ssib is-sahha, meta l-konvenut, migjub quddiem din il-Qorti b'mandat ta' skorta[27], u mwissi minn din il-Qorti li kien qieghed taht gurament, kien evaziv ghall-ahhar dwar x'dejn jista'

[26] Ara fol 351 tal-process
[27] Ara fol 385 tal-process

ghandha Alfmar Company Limited mad-Dipartiment tal-Taxxi fuq il-Valur Mizjud ossia VAT, iktar u iktar meta fix-xiehda tieghu iktar qabel fil-process, datata 10 ta' Lulju 2013[28], l-istess konvenut jghid li kien se jghaddi l-informazzjoni u li fil-fatt kien hemm dejn imma mhux affarijiet kbar. Dan l-atteggjament jipprova sal-grad rikjest mill-Ligi li bhalma l-konvenut prova jahbi informazzjoni finanzjarja importanti lil din il-Qorti, kien qieghed jaghmel l-istess fil-hajja matrimonjali ma' martu l-attrici.

Il-Qorti issa taghmel referenza ghall-paragrafi citati iktar l-isfel kif ukoll ghax-xiehda mressqa mir-rikorrenti dwar ir-ragunijiet ghalfejn il-Qorti thossha moralment konvinta li huwa l-konvenut li rrenda ruhhu hati ghal din is-separazzjoni. Madanakollu il-Qorti ma hix konvinta li l-intimat ikkometta adulterju, u dan ghaliex ma jirrizultax mill-atti. Tenut kont ta' dan hawn fuq citat il-Qorti ma tarax raguni ghalfejn l-ewwel talba ta' l-attrici m'ghandhiex tigi milqugha.

**<u>Dwar it-talba tal-kura u kustodja tal-minuri</u>**

Il-Qorti tirrileva li mill-affidavit tal-attrici[29] jirrizulta li l-partijiet kellhom tlett it-tfal li huma Wayne, K u N. Meta gie intavolat ir-rikors guramentat ta' l-attrici datat 10 ta' Gunju 2011, it-tifel Wayne kien diga' maggorrenni, K kien ghadu minorenni izda llum huwa maggoreni wkoll u N ghadu minuri. Ghalhekk din it-talba fir-rigward it-tifel K illum il-gurnata giet sorvolata, izda rigward il-minuri N il-Qorti tirrileva li t-talba ghall-kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju ta' l-ahjar interessi tal-minuri. Wara li semghat il-provi kollha migbura fil-mori tal-kawza, il-Qorti hija moralment konvenuta li huwa fl-ahjar interess tal-miuri li l-attrici tkun fdata bil-kura u

[28] Ara fol 363 tal-process
[29] Ara fol 410 tal-process

kustodja esklussiva tal-minuri N, anke in vista' tal-fatt li l-minuri ilu jghix ma' ommu ghal zmien twil u ghalhekk irid ikun hemm raguni valida ghaliex ir-rutina tal-minuri ghandha tigi mibdula. Fuq kollox m'hemm ebda prova li turi li r-rikorrenti m'hijiex omm idoneja ghall-istess minuri, wara li l-missier gie pruvat li ghandu ftit li xejn kuntatt mieghu[30]. L-attrici ghamlet tentattivi biex tressaq lil uliedha vicin missierhom il-konvenut izda jidher li dawn it-tentattivi kienu kollha ghal xejn, hija zzid ukoll li tixtieq li l-konvenut ikollu access ghall-minuri N[31], izda l-Qorti qeghda tara li min-naha tal-konvenut m'hemmx interess li dan isehh. Il-Qorti rat certa maturita' da parti ta' l-attrici u sens ta' responsabbilita' ta' persuna li tixtieq l-aqwa u l-ahjar ghal uliedha.Tenut kont ta' dan, il-Qorti thoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri N li l-kura u kustodja ta' l-istess tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti.

**<u>Dwar it-talba ghall-manteniment ghall-attrici</u>**

Permezz ta' l-affidavit taghha l-attrici tiddikjara li bhala dhul hi ghandha €381.32 kull erba' gimghat bhala ghajnuna socjali u bonus ta' €270.20 fis-sena. Hija tircievi wkoll €288 kull tlett xhur bhala Children's Allowance ghall-minuri N. Hi zzid li peress li dan id-dhul ma jservihiex kellha tohrog tahdem ghal ghaxar sighat fil-gimgha ma' *Anthony Falzon and Sons Limited* b'*reduced hours* u tithallas €50 fil-gimgha[32]. Apparti minn hekk il-konvenut jghaddilha €50 fix-xahar bhala manteniment ghaliha. Il-fatt li l-attrici kellha tohrog tahdem ghaliha kien pass necessarju wara li nqalghu l-problemi bejn il-partijiet, hi tixtieq tahdem iktar, imma ghad ghandha minuri x'tikkura u ghandha bzonn certu ghajnuna finanzjarja biex tghajjex lilha nfisha u lil binha. Dwar l-impjieg tal-konvenut, il-Qorti tirrileva li l-konvenut huwa impjegat *full-time* bhala *Gaming Inspector* u skond il-

30 Ara affidavit ta' l-attrici fol 411 paragrafu 5 et seq

31 Ara affidavit ta' l-attrici fol 414 l-ahhar paragrafu

32 Ara affidavit ta' l-attrici a fol 413 l-ahhar paragrafu et seq

*payslips* prezentati ghandu qliegh fix-xahar li jvarja bejn is-somma ta' €1637.16 sa €2047.72 netti fix-xahar[33]. Oltre dan huwa ghandu pensjoni ta' €318.80c kull erba gimghat li qieghed jircievi minghand il-korp tal-pulizija[34].

Ghalhekk, wara d-dikjarazzjoni tal-istess attrici li kellha tohrog tahdem bir-*reduced hours,* il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi, anke minhabba l-fatt li l-Qorti hija tal-fehma li kien l-intimat li wassal ghas-separazzjoni bejn il-partijiet, sejra tillikwida ammont ta' manteniment li jkun dovut lill-attrici mill-konvenut.

**Dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-ulied**

Dwar it-tfal Wayne u K:

Hawnhekk il-Qorti tirrileva li t-tfal Wayne u K llum huma maggorenni u jirrizulta mill-provi li ghandhom impjeg. Dan necessarjament ifisser li l-ulied Wayne u K prezentament u strettament mhux dovuti manteniment stante li ghandhom impjieg. Ghalhekk il-Qorti, in vista ta' l-emendi ricenti fil-ligijiet relattivi ghall-manteniment tal-ulied, tirrileva wkoll li f'kaz li tali wlied jergghu jaqbdu l-istudju fuq bazi *full-time*, il-genituri jerga' jkollhom l-obbligu li jmantnu lill-istess ulied. F'dan il-kuntest il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

"*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja*"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta:

---

33 Ara xhieda ta' Andrew Mizzi a fol 398 sa fol 408 tal-process

34 Ara xhieda ta' C B a fol 351 tal-process

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta'l-ulied*."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

Ghalhekk il-kontribuzzjoni ghall-manteniment ta' l-ulied ghandha tkun minn kull wiehed mill-genituri u tvarja minn kaz ghal kaz u jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pero' jibqghu veljanti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet tal-genturi versu l-istess ulied specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi ikkalkulati ai termini tas-subartikoli ta' l-istess artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu l-xulxin skond id-dettami tal-ligi u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri, izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, jidher li l-konvenut ghandu introjtu tajjeb bhala *Gaming Inspector* filwaqt li r-rikorrenti ghandha xoghol fuq bazi ta' *reduced hours* ma' *Anthony Falzon and Sons Limited*. Tenut kont ta' dan kollu, kif diga' gie rilevat, l-ulied Wayne u K ikollhm id-dritt ghall-manteniment f'kaz li huma jergghu jaqbdu l-istudji taghhom. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba fil-konfront tat-tfal Wayne u K

izda tippreciza li f'kaz li l-ulied jergghu jibdew l-istudji taghhom fuq bazi *full-time*, l-intimat ikun obbligat li jhallas manteniment ta' mitejn u hamsin ewro (€250) kull erba' (4) gimghat ghal kull wild hawn imsemmi u dan ghall-istess ulied sa l-eta' massima ta' 23 sena, liema somma tinkludi wkoll l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, u ghandha toghola kull sentejn skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

<u>Dwar it-tifel minuri N:</u>

Illi tenut kont ta' dak diga' hawn fuq ipprecizat, tenut kont kif diga' spjegat li l-konvenut huwa missier il-minuri N u ghandu l-obbligu sagrosant li jmantni lill-minuri, flimkien ma' l-attrici, irrispettivament mill-introjtu li ghandu. F'dan il-kuntest il-Qorti thoss li jkun ewku u gust li l-konvenut jigi ordnat li ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) kull erba' (4) gimghat bhala manteniment ghall-minuri N. Jigi rilevat li tali manteniment ghandu jinkludi fih spejjez relattivi mas-sahha u edukazzjoni ta' l-istess wild. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi jkun aktar prattiku li l-intimat ihallas somma fissa fix-xahar milli jhallas nofs l-ispejjez ta' sahha u l-edukazzjoni bir-ricevuti, stante li l-komunikazzjoni bejn il-partijiet hija wahda limitata u tali arrangement mhux wiehed prattiku. Il-Qorti tordna li dan il-manteniment ghandu jibqa' jitahallas sakemm il-minuri jaghlaq it-tmintax (18)-il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement jsir maggorenni u jkun qieghed jistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bazi full-time jew jilhaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba fil-konfront tat-tifel minuri N. Dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

**<u>Dwar it-talba tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti</u>**

Illi l-assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti huma s-segwenti:

1. Polza t'assigurazzjoni mahruga f'isem l-attrici ma' l-MSV life numru FP 408569. Illum is-surrender value taghha huwa ta' €7649.53, li l-attrici kienet thallas taghha s-somma ta' €291.17 kull sitt xhur;
2. Is-somma ta' €3900 depozitata man-Nutar Tony Abela li thalliet ghand l-istess nutar wara l-bejgh tad-dar matrimonjali 76, Triq l-Akwidot, B'Kara;
3. Zewg vetturi Ford Fiesta (LAU 887) u Toyota Vitz (FBR 376) tal-valur ta' hamest elef ewro (€5000) l-wahda, skont kif dikjarat mill-attrici fl-affidavit taghha, liema dikjarazzjoni guramentata ma giet bl-ebda mod kontraddetta u ghalhekk qeghda tittiehed bhala prova tal-valur ta' l-istess vetturi;
4. Diversi kontijiet imsemmijin iktar qabel intestati f'isem il-partijiet;

Illi d-djun formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti huma s-segwenti:

1. Self bankarju 4001722252-7 li kien joint u li l-konvenut C B jiddikjara li dan il-loan qieghed jithallas minnu u kien qieghed jiffinanzja l-kumpanija Lidea Events, u li l-attrici xehedet fl-affidavit taghha li dan is-self thallas kollu;
2. Dejn mal-Kummissarju tat-Taxxi interni fl-ammont ta' €6255 li jsejjah lill-konvenut;
3. Dejn mal-Kummissarju tat-Taxxi interni fl-ammont ta' €187,846 li jsejjah lis-socjeta' Alfmar Company Limited;
4. Dejn mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur mizjud li l-ammont mhux maghruf;
5. Dejn mhux maghruf tal-kumpanija Lidea Events Limited, li din il-kumpanija l-attrici qatt ma kellha sehem minnha;

Illi ghalhekk, tenut kont tal-fatt li l-konvenut gie misjub hati tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tenut kont tal-fatt ukoll li

jirrizulta b'mod car li l-attrici ma kenitx partecipi fid-dejn[35] u/jew in-negozju tal-konvenut, il-Qorti ser tghaddi biex ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti bil-mod segwenti:

Porzjoni A qeghda tigi assenjata lill-attrici:

1. Nofs l-ammont tas-*surrender value* tal-polza t'assigurazzjoni mahruga f'isimha ma' l-MSV life numru FP 408569. B'dan li konvenut huwa ordnat ihallas lura lill-attrici nofs l-ammont tal-pagamenti li hi ghamlet kull sitt xhur ma' l-MSV life sa minn Gunju 2010[36];
2. L-ammont ta' €1950 rapprezentanti nofs is-somma ta' €3900 depozitata man-Nutar Tony Abela li thalliet ghand l-istess nutar wara l-bejgh tad-dar matrimonjali 76, Triq l-Akwidot, B'Kara;
3. Il-vettura Toyota Vitz (FBR 376);
4. Il-kontijiet bankarji kollha li l-attrici ghandha intestati f'isimha;

Porzjoni B qeghda tigi assenjata lill-konvenut:

1. Nofs l-ammont tas-*surrender value* tal-polza t'assigurazzjoni mahruga f'isem l-attrici ma' l-MSV Life numru FP 408569. B'dan li konvenut huwa ordnat ihallas lura lill-attrici nofs l-ammont tal-pagamenti li hi ghamlet kull sitt xhur ma' l-MSV life sa minn Gunju 2010[37];
2. L-ammont ta' €1950 rapprezentanti nofs is-somma ta' €3900 depozitata man-Nutar Tony Abela li thalliet ghand l-istess nutar wara l-bejgh tad-dar matrimonjali 76, Triq l-Akwidot, B'Kara;
3. Il-vettura Ford Fiesta (LAU 887);

---

[35] Ara fol 351 tal-process, fejn il-konvenut jghid hekk, "Il-mara kellha x'taqsam ghax iffirmat. Parti amministrattiva l-mara ma kellhiex".

[36] Id-data minn meta hija telqet mid-dar matrimonjali

[37] Id-data minn meta hija telqet mid-dar matrimonjali

4. Il-kontijiet bankarji kollha tal-konvenut li ghandu intestati f'ishmu;
5. Id-dejn kollu li l-konvenut ghandu f'ismu mad-Dipartiment tat-Taxxi interni fl-ammont ta' €6255;
6. Id-dejn kollu li ghandha s-socjeta' Alfmar Company Limited mal-Kummissarju tat-Taxxi interni fl-ammont ta' €187,846;
7. Id-dejn kollu li ghandha s-socjeta' Almar Company Limited mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur mizjud;
8. Id-dejn kollu li ghandha s-socjeta' Lidea Events Limited;
9. Dejn iehor li l-konvenut seta' ikkuntratta ad insaputa ta' l-attrici;

**Dwar it-talba tal-beni parafernali u dotali li ghandhom jigu assejati lill-attrici**

Il-Qorti tirrileva li l-attrici fl-affidavit taghha xehdet li hija nghatat bhala donazzjoni s-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) li llum jammontaw ghal sitta u erbghin elf hames mija sebgha u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€46,587.46) minghand ommha wara li kienu qasmu l-flus mill-wirt ta' missierhom. Huwa fatt ben risaput li donazzjoni ta' din ix-xorta tikkwalifika bhala beni parafarnali. Madanakollu din is-somma l-attrici ma nefqitiex ghaliha izda ipprezentat diversi ricevuti li ghalihom diga' saret referenza, u jidher car li b'dawn il-flus ghamlu *refurbishment* estensiv tad-dar matrimonjali 76, Triq l-Akwidot, B'Kara tul medda ta' snin bejn is-sena 2005 u s-sena 2008. Illi l-konvenut[38] jammetti u jaf li sar *refurbishment* estensiv fid-dar matrimonjali li gie jiswa l-ammont hawn fuq deskritt, u li dan kien grazzi ghal omm l-attrici. Ghalhekk il-Qorti thoss li l-partijiet ibbenefikaw minn dan ir-*refurbishment* biex eventwalment irnexxielhom ibieghu d-dar matrimonjali, u ghalhekk tenut kont tal-fatt li dan l-ammont huwa ammont parafernali dovut lill-attrici u tenut kont ukoll li l-Qorti hija

[38] Ara fol 352 tal-process

konvinta moralment li dawn il-flus intuzaw fuq il-propjeta` li kienet formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, qeghda tilqa' din it-talba tal-attrici u tordna li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' sitta u erbghin elf hames mija sebgha u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€46,587.46) bhala kreditu parafernali dovut lilha.

**<u>Dwar id-dekadenza ta' l-intimat</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li l-konvenut huwa hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba dak hawn fuq spjegat

taht il-kap intitolat "Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali" u ghalhekk, tara li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jigi applikat kontra l-istess intimat l-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Decide</u>**

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-konvenut filwaqt li l-attrici qeghda tigi awtorizzata tghix b'mod separat mill-konvenut;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri N ghandha tigi fdata f'idejn l-esponenti b'mod esklussiv u takkorda access liberu favur il-konvenut li ghandu jigi miftiehem anke ma' l-istess minuri *stante* l-eta tieghu, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-kura u kustodja tat-tifel K;

3. Tilqa' t-tielet talba fis-sens li tiffissa u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-attrici, liema manteniment ghandu jithallas lill-attrici kull erba' gimghat u ghandu joghla kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja u tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghal ibnu minuri N fis-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) kull erba' gimghat, liema manteniment ghandu jizdied kull sentejn skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jinkludi fih l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Il-Qorti tordna wkoll li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas *di fermo* sakemm l-istess wild jilhaq l-eta maggorenni. Jekk l-istess wild sussegwentmenet jsir

maggorenni u jkun qed jistudja fuq bazi full-time, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-intimat sakemm l-istess wild jilhaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' sehh l-ewwel u f'kaz li l-wild N ikun ghalaq l-eta maggorenni u ma jibqax jghix ma' l-attrici ommu, allura il-manteniment dovut ghandu jibda jithallas direttament lilu, u limitatament ghall-ulied Wayne u K *stante* li lkoll huma ta' eta maggorenni u t-tnejn jahdmu mhux se tiffissa manteniment ghalihom, izda f'kaz li huma jirritornaw ghall-istudju *full-time,* il-konvenut ghandu jhallas il-manteniment fir-rata ta' mitejn u hamsin ewro (€250) kull erba' gimgha ghal kull wiehed minnhom, u dan sa massimu ta' l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, liema ammont ghandu jinkludi fih ukoll l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u ghandu joghla kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja;

4. Tilqa' r-raba' talba u b'hekk ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet bil-mod kif spjegat fil-paragrafu msemmi "Dwar it-Talba tax-Xoljiment tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti";

5. Tilqa` l-hames talba u tiddeciedi fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata "Dwar it-talba tal-beni parafernali u dotali li ghandhom jigu assenjati lill-attrici" u konformament tiddikjara li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta' sitta u erbghin elf hames mija sebgha u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€46,587.46) u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dan l-ammont;

6. Tilqa' s-sitt talba u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif stabbiliti fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Tilqa’ t-talba kontenuta fir-rikors tal-attrici datat 30 ta’ Gunju 2015 a fol 475 tal-process u *ai termini* tal-Artikolu 62(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li r-rikorrenti ghandha terga’ tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Xuereb;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.